**FIL-QORTI CIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**L-ONOR. IMHALLEF ANTHONY VELLA**

**Seduta ta' nhar l-Erbgha 17 ta' April 2024**

**<u>Rikors nru : 136/2024 AGV</u>**

KC

vs

HM bhala mandatarju tal-assenti EMEEE, kif awtorizzat bi prokura tat-13 ta' Frar 2024 kopja awtentika tal-original hawn annessa u immarkata Dok A

**Il-Qorti;**

**Rat ir- Rikors ta' KC datat 14 ta' Marzu 2024,**

**Tesponi bir-rispett:**

1. Illi r-rikorrenti izzewwget lill-intimat fis-16 ta' Dicembru 2021 u minn dan iz-zwieg taghhom m' ghandhomx tfal;
2. Illi l-partijiet isseparaw in forza ta' kuntratt ta' separazzjoni in atti tan-Nutar Dottor Brenda Jane Camilleri Vella tat-12 ta' Marzu 2024 **Dok B**; u f'liema l-partijiet qablu li ilhom separati *de facto* mis-16 ta' Dicembru 2022;
3. ILLI llum m'hemm l-ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni, anke l-ghaliex, illum il-gurnata z-zewg partijiet ghandhom hajja totalment separata minn xulxin;
4. ILLI dawn il-fatti hawn fuq imsemmija jissodisfaw il-kundizzjonijiet rikjesti mil-ligi ghall-ksib tad-divorzju skont l-Artikolu 66B tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

**Ghaldaqstant, l-esponenti umilment titlob lil dina l-Onorabbbli Qorti sabiex:**

1. Tippronunzja l-hall taz-zwieg bejn il-partijiet ai termini tal-Artikolu 66B tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

2. Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex fi zmien li l-istess Onorabbli Qorti joghgobha timponi, huwa jinforma lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bil-hall taz-zwieg tal-partijiet sabiex huwa jirregistra l-istess.

**Rat ir-risposta ta' HM** bhala mandatarj tal-assenti EMEEE, kif awtorizat bi prokura tat- 13 ta' Frar 2024,

Jesponi umilment;

Illi l-esponenti ma ghandux oggezzjoni li dina l-Onorabbli Qorti tippronunzja id-divorzju fin-numru u fl-ismijiet premessi.

Rat illi, ghalhekk, setghet tghaddi ghas-sentenza.

**DECIDE;**

Il-Qorti, tilqa' t-talbiet u tippronunzja l-hall taz-zwieg bejn il-partijiet **iccelebrat nhar is- 16 ta' Dicembru 2021**

Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex fi zmien ghaxart ijiem javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bil-hall taz-zwieg tal-partijiet, biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.

Spejjez jibqghu bla taxxa.

Terminu tal-appell abbrevjat ghal gurnata.

**Onor. Anthony G. Vella**
**Imhallef**

**Cettina Gauci**
**Dep Reg**